MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Numru 761/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**Versus**

**Guido Vella**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Guido Vella iben John Baptist u Teresa xebba Buhagiar imwieled ir-Rabat fl-10 ta' lulju 1948 residenti 'Il-Girna', Triq Vincenzo Ciappara Mellieħa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 597248 (M)

Akkużat talli

a) Fis-16 ta' Lulju 2007 kif ukoll fil-ġranet ta' qabel dina d-data fl-inħawi tal-Mellieħa bħala persuna li żammejt jew

qbilt li żżomm animal ġegħilt lill-istess isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur tal-artikolu 8(2)u 8(3) tal-Att XXV tal-2001 Dwar il-Ħarsien tal-Annimali;

b) Fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi żamm sistemi ta' żamma tal-annimali li ma jsitgħux jiġu manifatturati, jinżammu sabiex jinbiegħu jew jiġu kkonsenjati jew isir użu minnhom xiort'oħra, sakemm ma jkunux mibnija u miżmuma u jħarsu dawk il-faċilitajiet minimi għat-trattament xieraq tal-annimali. Dan bi ksur tal-artikolu 16 tal-Att XXV tal-2001 Dwar il-Ħarsien tal-Annimali;

ċ) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bi vjolenza jew theddid ġegħilt uffiċjali pubbliċi li jaħgmlu jew ma jagħmlux xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tagħhom;

d) Fl-istess data, lok, ħin u ċirksotanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' kull xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra, kontra persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-Liġi mill-awtorita' kompetenti;

e) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi f'kull każ ieħor imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli ta' qabel l-artikolu 95 tal-Kap 9, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wħud inkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

f) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fid-dmirijiet tagħhom billi ma ħalliex lil ħadd ieħor jagħmel li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ġassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-Liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il

darba din id-diżubbidjenza jew dan l-indħil ma kien jaqa' taħt dispożizzjonijiet oħra tal-Kap 9 jew ta' xi Liġi oħra;

g) Hedded jew inġurja lil Fabio Ciappara u membri oħra ta' Noah's Ark;

h) Sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 13 ta' Frar 2006 leima sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 5972 tas-sena 1948, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol 3) u dak tal-imputat (fol 7) sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-fedina penali tal-imputat (fol 4), id-dokument AM1 (fol 11)  d-dokument AM2 (a fol 12) u s-sentenza mogħtija fit-13 ta' Frar 2006..

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkunsidrat

L-Ispettur Alexander Paul Miruzzi xehed li kien għamel appuntament ma' Dr Chetcuti Ganadoli jaħdem mas-servizzi veterinarji u flimkien ma' PS 1181 Gino Caurana, PC 389 Saviour Bonnici u xi membri ta' Noah's Ark kienu marru fuq il-post.

Meta l-imputat wasal fuq il-post beda jkun aggressiv kemm verbalment kif ukoll fiżikament speċjalemnt vis a vis it-tabib veterinarju u ċertu Fabio Ciappara.  It-tabib veterinarju eleva ħames żwiemel u sebat iklieb minħabba li fl-opinjoni tiegħu dawn ma kinux f'kundizzjoni  ta' saħħa. Ittieħdu wkoll numru ta' ritratti mill-Pulizija biex juru l-kundizzjoni ta' dawn l-annimali.  (Dok AM2 sa Dok AM 32).   Waqt it-teħid tal-annimali s-sitwazzjoni kkalmat. Ittieħdu biss dawk l-annimali li l-veterinarju deherlu li kienu f'kundizzjoni ħażina.

PC 389 Silvio Bonnici kien mar fuq il-post tal-imputat li wasal xi siegħa wara u ma tantx ħa pjaċir. Il-farm kien diżastru għax kien hemm klieb mal-fniek u fniek mal-papri u kollox tgerfixa sħiħa. (fol 14). Kien hemm ukoll ħafna ħmieġ. Kien hemm ukoll żwiemel magħlubin. Kien hemm xelter li mhux tajjeb biżżejjed - biċċa bil-pjanċi - waqt li żewġ żwiemel kellhom it-tank tal-ilma vojt. Tank tal-ilma minnhom kien miżgħud bin-nemus. Ikel għal żewġt iżwiemel kien hemm pot żgħir. L-annimali ma kinux sorted għalihom. L-imputat ipprova jħebb għal Fabio Ciappara u kellhom iżommuh kemm ix-xhud kif ukoll l-ispettur. Lilhom sabbathom mal-ħajt. Baqa' jinsisti li l-annimali kienu f'kundizzjoni tajba. Il-ġriewi kienu miksijin bil-qurdien. Il-gradi li jidhru fir-ritratti kollha fetħuhom huma. Fuq wieħed mir-ritratti kienu jidhru l-puppies mimlija qurdien.

PS 1181 Eugenio Caruana xehed li meta marru fil-farm tal-imputat kien raw li xi żwiemel ma kinux miżmumin sewwa. Meta ppruvaw jiġbru l-klieb għax ma kinux fil-kundizzjoni kif suppost beda jħebb għal Fabio Ciappara ta' Noah's Ark. Huwa rreżista lill-Pulizija wkoll. Ix-xhud ħa r-ritratti esibiti. L-annimali kienu fix-xemx, bla ilma u bla ikel. Il-kundizzjoni kienet tal-biki.

Xehed ukoll Dr Duncan Chetcuti Ganado (fol 28) li qal li l-annimali ma kellhomx xelter adegwat u ż-żwiemel ma kinux mitmugħin kif suppost. (fol 29). Għal sena sħiħa dan ix-xelter ma sarx. Pony kien maqful fi stalla żgħira ħafna. Żiemel kellu problemi bil-hoofs li kienu twal iżżejjed. Huma kienu ppruvaw jikkonvinċuh kemm –il darba biex iġib 'il xi ħadd ħalli jirranġa. Żiemel ieħor kien qed izappap. Muskolu ta' waħda mis-saqajn ta' dan iż-żiemel kien niexef u kien jidher li kien hemm problema kronika li ma kienx ħa kura l-veterinarju fuq dan iż-żiemel. L-imputat ma kien qed jagħmel ebda sforz biex itejjeb il-kundizzjoni ta' dawn l-annimali. Meta tara żiemel bil-kustilji jidhru m'hemmx għalfejn tkun veterinarju biex tinduna li n-nutriment ma kienx adegwat. Il-housing tal-annimali kien imbarazz fuq xulxin. Kienu qalu lill-imputat jagħmel tinda u hu xorta baqa' ma għamilhiex. Żgur li ma kinitx suffiċjenti meta tibda x-xita. L-annimali la kellhom

housing xieraq u lanqas kura ta' veterinarju. Il-klieb jkellhom problem ital-ġilda. Ir-razzett mhux mibni bil-mod li fih jistgħu jgħixu l-annimali. Ir-razzett kien mimli tyres u fliexken u għalhekk kien aktar maħżen fejn tpoġġi l-affarijiet milli razzett għall-annimali.

Fil-kontro-eżami Dr Duncan Chetcuti Ganado qal li ma kienx hemm dik il-moħqrija li tirriżultalek jekk wieħed iġelled il-klieb. Ma kienx hemm moħrqija krudili (fol 34). Kienet moħriqja ta' negliġenza. Huwa żied jgħid li l-boundaries bejn in-nagħaġ u l-mogħoż keinu barrels tal-ħadid u kienu mimlija sadid. Kienu qed jgħinuh l-għaqdiet non-governattivi. Malli dawn waqfu jirranġaw, is-sitwazzjoni ddeterjorat.

**Reċidiva**

L-Ispettur Alexander Paul Miruzzi ppreżenta sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Guido Vella' (ID 597248) tat-13 ta' Frar 2006 fejn l-imputat kien immultat Lm50.

**Difiża**

Xehed l-imputat li qal kien bidel il-ħajt billi flok ħallieh bit-tankijiet kien għamel ħajt tal-kantun doblu ħa jkabbar it-tinda. Huwa qal li kein jieħu ħsieb la-nnimali li ħallewlu. Issa aktar jista' jdur mal-annimali għax spiċċa mix-xogħol. Huwa kien mar jgħid lill-veterinarju biex jagħti injection lill-bhejjem. Issa x-xelter sar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

L-ewwel imputazzjoni hija msejsa fuq is-subinċiż (2) tal-artikolu 8 tal-Kap 439 li jgħid hekk:

'Animals shall not be caused any unnecessary pain, suffering or distress and no animal shall be abandoned.'

Mill-provi jirriżulta li meta saret l-ispezzjoni fil-post tal-imputat instabu annimali li ma kellhomx xelter adekwat, annimali b'nuqqas ta' ikel u xorb, annimali b'nuqqas t'a attenzjoni ta' veterinarju, u annimali mimlija qurdien. L-annimali kienu jinsabu f'kundizzjonijiet mill-agħar b'uħud minnhom isofru min-nuqqas ta' ikel tant li mir-ritratti jirriżulta li dawn għandhom l-għadam jidher. L-imputat kien diġa' ngħata pariri dwar l-istat li fih kienu qed jinżammu l-annimali iżda xorta baqa' negliġenti. Huwa tassew li l-imputat mhux bniedem li jġelled l-annimali iżda animal jista' jinħaqar b'nuqqas ta' xelter adegwat, b'nuqqas ta' ilma u ikel, u b'nuqqas ta' attenzjoni minn veterinarju meta l-annimal jinħtieġa. In-negliġenza xorta tista' twassal għat-tbatija u d-distress li jipprojbixxi l-artikoli 8(2) u l-imputat kien responsabbli tal-annimali li kellhom jittieħdu minn għandu biex ikunu protetti. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**It-tieni Imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni tirreferi għal dak li jgħid l-artikolu 16 li jaqa' taħt il-'Housing of Animals'. L-artikolu 15 għandu x'jaqsam ma' regolamenti li jsita' jagħmel il-Ministru responsabbli fosthom:

'(a) to provide for conditions in which animals may be housed.'

Iżda l-Prosekuzzjoni ppreferiet li fit-tieni imputazzjoni tierreferi għall-artikolu 16. Dan l-artikolu jgħid:

'(1) Animal housing systems shall not be manufactured, kept in stock, sold, delivered or in any manner made use of in respect of animals, unless such systems are built and maintained , and conform with such minimum facilities for the welfare of animals as may be prescribed.'

Issa huwa tassew li l-imputat ma pprovdiex selter adegwat iżda, apparti li dan in-nuqqas diġa' huwa kopert taħt l-ewwel imputazzjoni, l-artikolu 16 aktar japplika għall-ħolqien jew l-użu ta' housing systems li jkunu maħluqa apposta għall-annimali. Il-Qorti qed tiddeċiedi li dan l-

artikolu mhux applikabbli meta wieħed iqis il-provi miġjuba fejn imkien ma dehret xi 'housing system'. Mhux kull xelter jista' jitqies a 'housing system' għall-anqas fid-dawl ta' dak li jgħid l-artikolu 16 u l-oħrajn sussegwenti (ara, per eżempju, artikoli 17 u 18). **Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.**

**It-Tielet Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni għandha x'taqsam mal-artikolu 91 tal-Kap 9. Waqt li jirriżulta li l-imputat ħebb kemm għall-Pulizija kif ukoll għal Fabio Ciappara iżda fl-aħħar mill-aħħar, wara dan il-mument ta' aggressjoni, finalment ittieħdu l-annimali li kellhom jittieħdu. **Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.**

**Ir-raba' Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tirreferi għal dak li jipprovdi l-artikolu 96(1)(a) tal-Kap 9. Jirriżulta mix-xhieda li ta PC 389 Silvio Bonnici li qal li l-imputat kien sabbat mal-ħajt lill-Ispettur u lil Fabio Ciappara. L-Ispettur Prosekutur huwa membru tal-Pulizija u kien qed jaġixxi għax inkarigat skond il-Liġi minn servizz pubbliku. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Il-ħames Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tirreferi għal dak li jipprovdi l-artikolu 95 tal-Kap 9. L-Ispettur xehed li l-imputat kien aggressiv fi kliemu. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-aġir tal-imputat – sa fejn jasal l-artikolu 95 – kien f'livell ta' kontravenzjoni. Iżda din hija l-kontravenzjoni hija assorbita fir-raba' imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Is-Sitt Imputazzjoni**

Din l-imputazzjoni tirreferi għall-kontravenzjoni senjalata fl-artikolu 338(ee) tal-Kap 9. Il-Qorti ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni iżda qed tqisha assorbita fir-raba' imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

## Is-Seba' Imputazzjoni

Din l-imputazzjoni tirreferi għall-kontravenzjoni li tidher fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9. L-imputazzjoni hija dwar it-theddid li l-imputat għamel lil Fabio Ciappara. Il-Prosekuzzjoni ippruvat din l-imputazzjoni b'dak li xehed PS 1181 Eugenio Caruana. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

## It-tmien imputazzjoni

Il-Prosekuzzjoni ippruvat din l-imputazzjoni għaliex ippreżentat sentenza ta' multa li ngħatat kontra l-imputat (kif jidher min-numri tal-karta tal-idendita' identiċi bejn is-sentenza u ċ-ċitazzjoni). Din is-sentenza ngħatat anqas minn ħames snin qabel ma twettqu dawn ir-reati jew kontravenzjoni.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara rat l-artikoli 8(2)(3), 16(1) u 45(1) tal-Kap 439 kif ukoll l-artikoli 17(h), 91, 96(1)(a), 95(1)(2), 338(ee), 339(1)(d), 49 u 50 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tar-raba', tal-ħames, tas-sitta, tas-seba' u tat-tmien imputazzjoni dedotti kontrih b'dan pero' li l-ħames u s-sitt imputazzjonijiet huma assorbiti fir-raba' imputazzjoni waqt li qed tilliberah mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti qieset li l-imputat kien diġa' kellu pariri dwar kif iżomm l-annimali. Qieset ukoll li l-annimali kienu fi stat ħażin kif jidher mir-ritratti ppreżentati u mill-provi ppreżentati. Wara li qieset dan kollu, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għar-raba', l-ħames u s-sitt imputazzjoni għall-piena ta' priġunerija ta' erba' xhur li għandha tibqa' sospiża għal sena sakemm matul dan il-perjodu l-imputat ma jwettaqx xi reat ieħor waqt li għall-bqija tal-imputazzjonijiet li għalih sabitu ħati qed tikkundannah iħallas multa ta' €1200 liema multa tista' titħallas b'rata ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa u jekk xi parti mill-multa

ma titħallasx din tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------